MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRETA MIFSUD

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1481/2010

**Eden Entertainment Ltd (c-26201)**

**vs**

**Chris Vassallo**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici, talbet lill-konvenut l-hlas tas-somma ta' elf, mija u disgha u disghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€1199.41), liema ammont huwa dovut ghal servizzi ta' reklamar rezi lill-konvenut mis-socjeta' attrici fuq 'Bay Radio' u dan a connesjoni man-negozju D Store.

Bl-ispejjez tal-presenti, tal-ittra interperlatorja tat-30 ta' Marzu, 2010 u bl-imghax legali mill-31 ta' Lulju, 2010, data ta' l-ahhar invoice sal-pagament kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' elf, mija u disgha u disghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€1199.41), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------